Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 18 ta' Settembru 2015**
**(OR. en)**

**12182/15**

**PUBLIC 60**
**INF 163**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - ĠUNJU 2015 |

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Ġunju 2015.[1] [2]

Dan jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni tal-atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli għall-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, l-ispjegazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

1 Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

2 Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li ġew adottati wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jippubblika.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill:
Sommarju ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill (atti) - Consilium

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill taħt: Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit elettroniku tal-Kunsill: Minuti tal-Kunsill - Consilium

| INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'ĠUNJU 2015 | |
|---|---|
| **Proċedura bil-miktub li ntemmet fil-5 ta' Ġunju 2015** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/876 tal-5 ta' Ġunju 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna<br>ĠU L 142, 6.6.2015, p. 30-31 | 9210/15 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/869 tal-5 ta' Ġunju 2015 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna<br>ĠU L 142, 6.6.2015, p. 1-2 | 9212/15 |
| **It-3393 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA - KWISTJONIJIET TAL-ENERĠIJA)<br>li saret fil-Lussemburgu fit-8 ta' Ġunju 2015** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/890 tat-8 ta' Ġunju 2015 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, rigward emenda fl-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE (Ikel ġdid)<br>ĠU L 146, 11.6.2015, p. 5-8 | 8203/15 |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/891 tat-8 ta' Ġunju 2015 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Linja baġitarja 04 03 01 03)<br>ĠU L 146, 11.6.2015, p. 9-10 | 8250/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/899 tat-8 ta' Ġunju 2015 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Copernicus)<br>ĠU L 147, 12.6.2015, p. 16-18 | 8256/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/882 tat-8 ta' Ġunju 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2014/932/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen<br>ĠU L 143, 9.6.2015, p. 11-13 | 8209/15 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/879 tat-8 ta' Ġunju 2015 li jimplimenta l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1352/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen<br>ĠU L 143, 9.6.2015, p. 3-6 | 8215/15 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/878 tat-8 ta' Ġunju 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1352/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen<br>ĠU L 143, 9.6.2015, p. 1-2 | 8217/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/883 tat-8 ta' Ġunju 2015 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/565/PESK dwar il-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo)<br>ĠU L 143, 9.6.2015, p. 14-15 | 8401/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija: nagħtu setgħa lill-konsumaturi u nattiraw investimenti fis-settur tal-enerġija | 9073/15 |

**It-3394 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA - KWISTJONIJIET TAT-TRASPORT U T-TELEKOMUNIKAZZJONI) li saret fil-Lussemburgu fil-11 u t-12 ta' Ġunju 2015**

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/901 tal-11 ta' Ġunju 2015 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO)<br>ĠU L 147, 12.6.2015, p. 21-21 | 8689/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trasferiment tal-ġestjoni tal-funzjonijiet tal-Awtorità għan-Numri Assenjati tal-Internet (IANA) lill-komunità multiparteċipattiva | 9482/15 |

**It-3395 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT) li saret fil-Lussemburgu fil-15 ta' Ġunju 2015**

ATTI LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTAZZJONI |
|---|---|---|---|
| Pożizzjoni (UE) Nru 10/2015 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli<br>ĠU C 239, 21.7.2015, p. 1-11 | 8257/15<br>8257/15 ADD 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Kontra: DE, AT<br>Astensjoni: ES |
| Regolament (UE) 2015/1145 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2015 dwar il-miżuri ta' salvagwardja previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera<br>ĠU L 191, 17.7.2015, p. 1-5 | 23/15 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| It-3396 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI), li saret fil-Lussemburgu fil-15 u s-16 ta' Ġunju 2015 | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1023 tal-15 ta' Ġunju 2015 li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni ta' Andorra għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri<br>ĠU L 163, 30.6.2015, p. 29-31 | 8933/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1024 tal-15 ta' Ġunju 2015 li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jaċċettaw. fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni ta' Singapore għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri<br>ĠU L 163, 30.6.2015, p. 32-34 | 8935/15 |
| Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill "Promozzjoni tal-użu u l-iskambju tal-aħjar prattiki tal-vidjokonferenzi transkonfinali fil-qasam tal-ġustizzja fl-Istati Membri u fil-livell tal-UE"<br>ĠU C 250, 31.7.2015, p. 1-5 | 9206/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-impunità għad-delitt ta' ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra fl-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha | 15584/14 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta’ mmarkar standardizzat obbligatorju ta’ makkinarju tal-kostruzzjoni u vetturi għall-agrikoltura u l-forestrija biex ikunu protetti aħjar kontra s-serq | 9665/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/989 tal-15 ta' Ġunju 2015 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fis-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tas-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli u l-lista ta' individwi biex iservu bħala esperti fi proċeduri tal-grupp dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli<br>ĠU L 159, 25.6.2015, p. 55-60 | 9369/15 |

| | |
|---|---|
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020 | 9798/15 |
| **It-3397 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD) li saret fil-Lussemburgu fis-16 ta' Ġunju 2015** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' ċerti riżoluzzjonijiet li għandu jittieħed vot dwarhom fil-qafas tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV) | 9644/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għall-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u protokoll mar-Repubblika Magħquda tat-Tanzanija | 9152/15 |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni ma tqisx li hu meħtieġ li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati tindika bażi legali sostantiva.<br>**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Skont l-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, il-Kummissjoni tirrikonoxxi bis-sħiħ l-importanza tal-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-ħtieġa konsegwenti li tiġi żgurata implimentazzjoni kif suppost tal-kunċett tal-eċċessi, kif definit fl-Artikolu 62(2) tal-UNCLOS, b'mod partikolari meta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u l-protokolli relatati jirregolaw l-aċċess tal-flotta esterna tal-UE għal riżorsi distribwiti fl-ilmijiet tal-pajjiż sieħeb.<br>Madankollu, rigward l-Artikolu 64 tal-UNCLOS u l-Artikolu 31(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-Kummissjoni tqis li l-kunċett tal-eċċessi japplika inqas għall-attivitajiet tas-sajd li jisfruttaw speċijiet li jpassu ħafna, fejn l-objettivi ta' ġestjoni u l-miżuri ta' ġestjoni – ir-regoli dwar aċċess ta' prijorità, il-qabda, il-kapaċità jew il-limiti tal-isforz tas-sajd, u l-kondiviżjoni ta' għodod fejn ikun rilevanti – għandhom jiġu stabbiliti primarjament fil-livelli reġjonali jew sottoreġjonali mill-Partijiet Kontraenti għall-Organizzazzjonijiet ta' Ġestjoni tas-Sajd Reġjonali, b'kont debitu meħud tal-pariri xjentifiċi rilevanti. | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 22/2014 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "Il-ksib ta' ekonomija: inżommu l-ispejjeż tal-għotjiet għal proġetti tal-iżvilupp rurali ffinanzjati mill-UE taħt kontroll" | 9134/15 |

<table>
<tr><td colspan="3">Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 23/2014 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "Żbalji fin-nefqa għall-iżvilupp rurali: x'jikkawżahom, u kif qed jiġu indirizzati?"</td><td colspan="2">9135/15</td></tr>
<tr><td colspan="3">Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 24/2014 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "L-appoġġ mill-UE għall-prevenzjoni u r-restawr ta' ħsara għall-foresti kkawżata minn nirien u diżastri naturali huwa mmaniġġat tajjeb?"</td><td colspan="2">9136/15</td></tr>
<tr><td colspan="5">Proċedura bil-miktub li ntemmet fis-16 ta' Ġunju 2015</td></tr>
<tr><td colspan="5">ATTI LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td colspan="2">ATT</td><td>DOKUMENT</td><td>REGOLA TA' VOTAZZJONI</td><td>VOTAZZJONI</td></tr>
<tr><td colspan="2">Regolament (UE) 2015/1146 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2015 li jiffissa r-rata ta' aġġustament prevista fir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għall-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2015<br>ĠU L 191, 17.7.2015, p. 6-7</td><td>27/15</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Astensjoni: UK</td></tr>
<tr><td colspan="5">It-3398 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR)<br>li saret fil-Lussemburgu fit-18 u d-19 ta' Ġunju 2015</td></tr>
<tr><td colspan="5">ATTI MHUX LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td colspan="3">ATT</td><td colspan="2">DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET</td></tr>
<tr><td colspan="3">Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 3/2015 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ tal-UE: ittieħdu l-ewwel passi iżda hemm riskji fil-ġejjieni għall-implimentazzjoni"</td><td colspan="2">10104/15</td></tr>
<tr><td colspan="3">Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Opportunitajiet ugwali ta' dħul għan-nisa u l-irġiel: Intemmu d-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u l-irġiel</td><td colspan="2">10081/15</td></tr>
</table>

**It-3399 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI) li saret fil-Lussemburgu fid-19 ta' Ġunju 2015**

ATTI LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTAZZJONI |
|---|---|---|---|
| Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 għall-baġit ġenerali għall-2015 | 9468/15 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: UK |
| Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 għall-baġit ġenerali għall-2015 | 9472/15 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: UK |
| Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 għall-baġit ġenerali għall-2015 | 9473/15 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
|---|---|
| Deċiżjoni (UE) 2015/1180 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2015 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE (għargħar fir-Rumanija, fil-Bulgarija u fl-Italja)<br>ĠU L 192, 18.7.2015, p. 13-14 | 9470/15 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/992 tad-19 ta' Ġunju 2015 li tawtorizza lid-Danimarka sabiex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 159, 25.6.2015, p. 66-67 | 8735/15 |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/993 tad-19 ta' Ġunju 2015 li tawtorizza lid-Danimarka biex tapplika rata mnaqqsa ta' taxxa fuq l-elettriku pprovdut direttament lil bastimenti rmiġġati f'port, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE<br>ĠU L 159, 25.6.2015, p. 68-69 | 9498/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/990 tad-19 ta' Ġunju 2015 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tad-Deutsche Bundesbank<br>ĠU L 159, 25.6.2015, p. 61-61 | 8782/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/959 tad-19 ta' Ġunju 2015 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/386/PESK dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol<br>ĠU L 156, 20.6.2015, p. 25-25 | 9669/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/991 tad-19 ta' Ġunju 2015 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għal emendi tar-Regolamenti tan-NU Nri 14, 17, 28, 29, 41, 49, 51, 54, 59, 80, 83, 95, 100, 101, 109, 117, 134 u 135, dwar Regolament tan-NU ġdid dwar is-sikurezza ta' vetturi elettriċi tal-kategorija L, u dwar emendi tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3)<br>ĠU L 159, 25.6.2015, p. 62-65 | 9590/15 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/960 tad-19 ta' Ġunju 2015 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/104 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd<br>ĠU L 157, 23.6.2015, p. 1-19 | 9774/15 |

| | |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni minn Franza**<br>Franza tixtieq li jkun hemm strateġija reali għall-ġestjoni fit-tul tal-istokkijiet tal-ispnott tal-Atlantiku tal-Grigal.<br>Mill-bidu tas-sena tal-2015, billi m'hemmx qabdiet totali permissibbli (TAC) jew pjan ta' ġestjoni, saru tliet gruppi ta' miżuri dwar l-istokk tat-Tramuntana meħuda ad hoc wara parir xjentifiku f'Ġunju 2014 dwar l-ispnott tal-Atlantiku tal-Grigal (żoni IVbc, VIIa u VIId–h) li jindika li l-istokk ilu jonqos rapidament mill-2012:<br>– projbizzjoni ta' sajd bix-xibka tat-tkarkir pelaġika mit-28 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' April 2015;<br>– limitu fuq il-qbid ta' tliet spnottiet kull persuna u kull ġurnata għal sajd rikreattiv;<br>– għeluq ta' żoni u introduzzjoni ta' limiti massimi fix-xahar skont l-impjieg.<br>Huwa wkoll previst li jiżdied id-daqs minimu tal-qbid għas-sajd professjonali.<br>Billi din hija speċi mifruxa f'żona kbira ħafna u fir-rigward ta' diversi attivitajiet ta' sajd artiġjanali, jeħtieġ li jkun hemm loġika fil-ġestjoni permezz ta' miżuri ta' emerġenza suċċessivi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi importanti, sabiex l-impriżi tas-sajd ikollhom qafas aktar stabbli bil-ħsieb li jkun hemm ġestjoni sostenibbli u ġusta ta' dan l-istokk.<br>Għalhekk Franza titlob lill-Kummissjoni Ewropea biex timplimenta malajr kemm jista' jkun pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-ispnott tal-Atlantiku tal-Grigal, abbażi ta' approċċ proporzjonat u bbilanċjat.<br>Franza tfakkar li hija tixtieq ukoll l-implimentazzjoni ta' qabdiet totali permissibbli (TAC) għal din l-ispeċi. | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Unjoni tas-Swieq Kapitali | 9852/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1026 tad-19 ta' Ġunju 2015 li tirrevoka d-Deċiżjoni 2009/589/KE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fil-Polonja<br>ĠU L 163, 30.6.2015, p. 37-39 | 9457/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1025 tad-19 ta' Ġunju 2015 li tirrevoka d-Deċiżjoni 2013/319/UE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv f'Malta<br>ĠU L 163, 30.6.2015, p. 35-36 | 9456/15 |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1098 tad-19 ta' Ġunju 2015 li tistabbilixxi li ma ttieħdet ebda azzjoni effettiva mir-Renju Unit b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2009<br>ĠU L 180, 8.7.2015, p. 1-3 | 9453/15 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1029 tad-19 ta' Ġunju 2015 bil-għan li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-amministrazzjoni pubblika fir-Renju Unit tinġieb fi tmiemha<br>ĠU L 163, 30.6.2015, p. 55-57 | 9454/15 |
| **It-3400 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN) li saret fil-Lussemburgu fit-22 ta' Ġunju 2015** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prinċipji Komuni għal Assistenza b'Diversi Għanijiet Ibbażata fuq Flus Kontanti b'Reazzjoni għall-Ħtiġijiet Umanitarji | 9420/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libanu | 9979/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/970 tat-22 ta' Ġunju 2015 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina<br>ĠU L 157, 23.6.2015, p. 45-49 | 9571/15 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/973 tat-22 ta' Ġunju 2015 li timplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja<br>ĠU L 157, 23.6.2015, p. 52-52 | 9703/15 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/961 tat-22 ta' Ġunju 2015 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja<br>ĠU L 157, 23.6.2015, p. 20-20 | 9704/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/971 tat-22 ta' Ġunju 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna<br>ĠU L 157, 23.6.2015, p. 50-50 | 9973/15 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Burundi | | 10109/15 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/972 tat-22 ta' Ġunju 2015 li tvara operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED)<br>ĠU L 157, 23.6.2015, p. 51-51 | | 10008/15 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet UE-ASEAN | | 10159/15 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-elezzjonijiet li ġejjin fil-Myanmar/Burma | | 10157/15 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali | | 10191/15 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti u fis-Sebgħin Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti | | 10158/15 | |
| **It-3401 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI) li saret fil-Lussemburgu fit-23 ta' Ġunju 2015** | | | |
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTAZZJONI |
| Pożizzjoni (UE) Nru 11/2015 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea Adottata mill-Kunsill fit-23 ta' Ġunju 2015<br>ĠU C 239, 21.7.2015, p. 14-16 | 9375/15<br>9375/15 ADD 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Kontra: UK<br>Astensjoni: BE, NL |

**Dikjarazzjoni mill-Belġju**

Il-Belġju jagħti importanza kbira lill-funzjonament tajjeb tal-qrati tal-Unjoni Ewropea. Huwa jemmen bis-sħiħ fl-iskop tar-riforma tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja li huwa li tissolva l-problema ta' kawżi b'lura b'mod strutturali fil-Qorti Ġenerali. B'kont meħud tal-importanza tal-objettiv segwit, il-Belġju ma jopponix il-pożizzjoni tal-Kunsill. Madankollu huwa jastjeni għaliex iqis li kien hemm mezzi aktar adegwati biex dan jintlaħaq. B'mod partikolari, huwa jqis li kienet tkun ġestjoni tajba li, qabel ma ssir it-tielet fażi, tiġi prevista evalwazzjoni oġġettiva tal-bżonnijiet li jkun hemm dak iż-żmien.

**Dikjarazzjoni mill-Ġermanja**

Il-Ġermanja tilqa' l-fatt li billi jiġi rdoppjat in-numru ta' mħallfin fil-Qorti Ġenerali, tkun qed tiġi implimentata riforma strutturali u sostenibbli li għandha tippermetti li jitnaqqas l-ammont eċċessiv ta' xogħol tal-Qorti Ġenerali u għandha tiżgura li r-rimedju legali fl-Unjoni Ewropea jiġi garantit fi żmien raġonevoli.

Fl-istess ħin, il-Ġermanja hija konxja li ż-żieda fin-numru ta' mħallfin fil-Qorti Ġenerali ser ikollha impatt finanzjarju sinifikanti fuq il-baġit tal-Unjoni. Il-Ġermanja hija impenjata biex tiżgura l-kosteffettività tar-riforma u timminimizza l-impatt baġitarju tagħha u għalhekk tilqa' l-isforzi tal-Qorti li tevalwa s-sitwazzjoni tal-Qorti Ġenerali f'kull fażi tal-espansjoni tagħha u, fejn adegwat, tagħmel l-aġġustamenti neċessarji għan-nefqa amministrattiva tal-Qorti Ġenerali, iżda mingħajr ma tibdel in-numru ta' mħallfin addizzjonali. Bl-istess mod, il-Ġermanja tappoġġa l-impenn tal-Qorti biex ma jinħatrux aktar assistenti ġudizzjarji jew persunal ta' appoġġ matul it-tielet fażi f'Settembru tal-2019 meta n-numru ta' mħallfin jkun żdied b'disa' mħallfin oħra.

Sabiex tappoġġa l-finanzjament fit-tul ta' Qorti Ġenerali akbar, il-Ġermanja tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tieħu l-miżuri adegwati kollha u tikkunsidra, fost l-oħrajn, il-possibbiltà li jiġu introdotti tariffi tal-qorti għal proċedimenti quddiem il-Qrati tal-Unjoni Ewropea.

**Dikjarazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja**

1. Bħala segwitu għar-riforma tal-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja tipproponi li tippreżenta ċifri annwali dwar l-attività ġudizzjarja tagħha, inkluż dwar l-evoluzzjoni ta' kawżi ta' appell, u, jekk ikun meħtieġ, tissuġġerixxi miżuri xierqa.

2. Fit-tieni u t-tielet stadji tat-tkabbir tal-Qorti Ġenerali, ser issir evalwazzjoni tas-sitwazzjoni tal-Qorti Ġenerali li, jekk ikun meħtieġ, tista’ twassal għal ċerti aġġustamenti, b’mod partikolari f’termini ta’ nefqa amministrattiva tal-Qorti.

3. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li fl-okkażjoni tal-approvazzjoni tar-Regoli ta’ Proċedura riveduti tal-Qorti Ġenerali f’Jannar 2015, hija stiednet lill-Qorti Ġenerali sabiex tippreżenta, qabel il-ħatra tal-ewwel tnax-il imħallef addizzjonali, proposta dwar il-ħolqien ta’ awli speċjalizzati għall-Qorti Ġenerali u biex tallinja r-regoli interni tagħha li jirregolaw l-attribuzzjoni ta’ kawżi fil-Qorti Ġenerali ma’ dawk li tapplika l-Qorti tal-Ġustizzja.

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1027 tat-23 ta' Ġunju 2015 dwar ir-regoli applikabbli għall-esperti sekondati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni 2007/829/KE<br>ĠU L 163, 30.6.2015, p. 40-52 | 9256/15 |
| Deċiżjoni (UE) 2015/1179 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2015 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni EGF/2015/000 TA 2015 — Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni)<br>ĠU L 192, 18.7.2015, p. 11-12 | 9070/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-isfidi għall-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni 2014-2020 | 9622/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-2014 | 9319/15 |
| **Dikjarazzjoni mill-Ungerija**<br>L-Ungerija tikkunsidra l-"Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-2014" bħala li huma bla ħsara għad-diskussjonijiet usa' li għaddejjin dwar kwistjonijiet ta' politika dwar il-migrazzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni. | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn l-UE u l-Messiku għat-trasferiment u l-użu tad-data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u forom serji oħra ta' kriminalità transnazzjonali | 9218/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1016 tat-23 ta' Ġunju 2015 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet<br>ĠU L 162, 27.6.2015, p. 100-102 | 9413/15 |

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2015/981 tal-23 ta' Ġunju 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali<br>ĠU L 159, 25.6.2015, p. 1-4 | 9356/15 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2015/982 tal-23 ta' Ġunju 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1387/2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali<br>ĠU L 159, 25.6.2015, p. 5-26 | 9358/15 |
| **Dikjarazzjoni mir-Repubblika Slovakka**<br>Ir-Repubblika Slovakka tixtieq tesprimi tħassib dwar l-applikazzjoni retroattiva tas-sospensjonijiet tariffarji, peress li mhijiex konsistenti mal-prinċipji fundamentali tal-leġislazzjoni tal-UE. Madankollu, nammettu li hemm possibbiltà ta' retroattività fuq żmien qasir f'sitwazzjonijiet straordinarji, bħalma hija l-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' prodotti, il-bidliet fl-iskema ġeneralizzata ta' preferenzi (SĠP) jew korrezzjonijiet legali jew tekniċi oħra.<br>It-talbiet għall-implimentazzjoni retroattiva tas-sospensjonijiet tariffarji u għal emendi sostanzjali oħra għall-proposta għal Regolament li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali ma jistgħux jiġu ppreżentati direttament lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali (CUWP). Bħala l-ewwel pass, jeħtieġ li jiġu diskussi fil-livell tal-esperti u approvati mill-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta' Ekonomija Tariffarja (ETQG).<br>Ir-Repubblika Slovakka hija tal-fehma li t-talbiet għar-retroattività jiżvelaw il-ħtieġa għal definizzjoni ta' kriterji xierqa fl-iskema eżistenti ta' sospensjonijiet u kwoti tariffarji li għandha tirregola l-użu tar-retroattività. F'dan ir-rigward, aħna lesti li niddiskutu dwar modifiki possibbli għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (2011/C 363/02). | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja | 10166/15 |

**Proċeduri bil-miktub konklużi fil-25 ta’ Ġunju 2015**

ATTI LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTAZZJONI |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi<br>ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1-38 | 34/15 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar it-tqassim għal Orizzont 2020**

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu li l-linji baġitarji li ġejjin mhumiex ser jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-FEIS: "It-tisħiħ tar-riċerka fil-fruntieri fil-Kunsill Ewropew għar-Riċerka", "L-azzjonijiet Marie Sklodowska-Curie" u "It-tixrid tal-eċċellenza u t-twessigħ tal-parteċipazzjoni". L-ammont li jifdal li jirriżulta mill-użu addizzjonali tal-marġni kif imqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni ser jerġa' jitqiegħed fil-linji baġitarji l-oħra ta' Orizzont 2020 fi proporzjon mat-tnaqqis propost mill-Kummissjoni. It-tqassim indikattiv huwa stabbilit fl-Anness I għar-Regolament dwar il-FEIS.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-abbozz ta' baġit għall-2016**

Il-Kummissjoni ser tanalizza l-impatt potenzjali tal-kontribuzzjonijiet għall-FEIS mil-linji baġitarji differenti ta' Orizzont 2020 fuq l-implimentazzjoni effettiva tal-programmi rispettivi u, jekk xieraq, ser tipproponi ittra emendatorja għall-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-2016 biex taġġusta t-tqassim tal-linji baġitarji ta' Orizzont 2020.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tagħha ta' kontribuzzjonijiet ta' darba fil-kuntest tal-inizjattiva tal-FEIS sabiex ikun implimentat il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir**

Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Kunsill fl-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST), kontribuzzjonijiet ta' darba mill-Istati Membri, jew minn Stat Membru jew minn banek promozzjonali nazzjonali kklassifikati fis-settur pubbliku ġenerali jew li jaġixxu f'isem Stat Membru, fil-FEIS jew fi pjattaformi ta' investiment, tematiċi jew multinazzjonali stabbiliti għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Investiment, bħala prinċipju għandhom jikkwalifikaw bħala miżuri ta' darba, fis-sens tal-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 u tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97.

<table>
<tr><td colspan="4" align="center">ATTI MHUX LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td colspan="2">ATT</td><td colspan="2">DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET</td></tr>
<tr><td colspan="2">Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1008 tal-25 ta' Ġunju 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran<br>ĠU L 161, 26.6.2015, p. 19-21</td><td colspan="2">9840/15</td></tr>
<tr><td colspan="2">Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2015/1001 tal-25 ta’ Ġunju 2015 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran<br>ĠU L 161, 26.6.2015, p. 1-4</td><td colspan="2">9841/15</td></tr>
<tr><td colspan="4">Proċedura bil-miktub li ntemmet fis-26 ta' Ġunju 2015</td></tr>
<tr><td colspan="4" align="center">ATTI LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td>ATT</td><td>DOKUMENT</td><td>REGOLA TA' VOTAZZJONI</td><td>VOTAZZJONI</td></tr>
<tr><td>Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 għall-baġit ġenerali għall-2015</td><td>9502/15</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td colspan="4">Proċedura bil-miktub li ntemmet fit-30 ta' Ġunju 2015</td></tr>
<tr><td colspan="4" align="center">ATTI MHUX LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td colspan="2">ATT</td><td colspan="2">DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET</td></tr>
<tr><td colspan="2">Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1050 tal-30 ta' Ġunju 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran<br>ĠU L 170, 1.7.2015, p. 2-4</td><td colspan="2">10196/15</td></tr>
</table>